MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
## MAGISTRAT DR. GABRIELLA VELLA

Seduta tal-5 ta' Jannar, 2015

Numru 15/2015

**Il-Pulizija**
**(Spettur Robert Vella)**

**Vs**
**Bashir Abdulahi Ahmed**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront ta' Bashir Abdulahi Ahmed ta' wiehed u ghoxrin (21) sena, imwieled is-Somalia fl-1 ta' Jannar 1993 u residenti gewwa l-Marsa Open Centre, Xatt il-Mollijiet, il-Marsa, detentur tal-Permess tar-Residenza bin-Numru MT9224211 u tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 111809(A):

1. Talli nhar il-5 ta' Jannar 2015 ghall-habta tas-02:15 ta' filghodu gewwa l-lokalita' tal-Marsa bil-hsieb li jaghmel reat ta' serq minn gewwa residenza numru 56, sitwata gewwa Triq is-Salib tal-Marsa, Marsa, ghad-dannu ta' Matthew Azzopardi u/jew persuna jew persuni ohra, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta' bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' tieghu, u li kieku sehh kien ikun serq ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur, bil-lok u bil-hin u dan bi ksur tal-Artikoli 41, 261(b)(c)(e)(f), 263, 267,269, 270, 280, 281, 282 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Talli fl-istess data, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' ghamel hsara fuq il-bieb ta' barra tar-residenza numru 56, sitwata gewwa Triq is-Salib tal-Marsa, Marsa, ghad-dannu ta' Matthew Azzopardi u/jew persuna jew persuni ohra, liema hsara ma tiskorrix il-mitejn u hamsin Euro (€250), u dan bi ksur tal-Artikolu 325(1)(c) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kkommetta reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza imposta fuqu fl-1 ta' Settembru 2014 mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta (Magt. Dr. Audrey Demicoli LL.D), liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta' htija tqis lill-imputat bhala li sar recediv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li kien misjub hati ta' diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni u senjatament: (i) il-fedina penali tal-imputat Dok. "RV1"; (ii) il-*personal details form* ta' l-imputat mahruga mis-sistema tal-Pulizija Dok. "RV2"; (iii) stqarrija rilaxxjata mill-imputat Dok. "RV3"; (iv) applikazzjoni ta' l-imputat biex jirrisjedi hawn Malta Dok. "RV4"; (v) rapport tal-Pulizija dwar dan il-kaz Dok. "RV5"; il-kunsens tal-Avukat Generali bil-lingwa Maltija u bil-lingwa Ingliza Dok. "RV6a" u Dok. "RV6b"; stima tal-hsarat ikkagunati mill-imputat fil-bieb tal-fond indikat fl-akkuzi Dok. "RV7"; Dikjarazzjoni ta' Rifjut Ghall-jedd Ta' Parir Legali ta' l-imputat Dok. "RV8" u sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Bashir Abdulahi Ahmed" moghtija mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-1 ta' Settembru 2014 Dok. "RV9";

Rat illi l-imputat iddikjara li ma ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u rregistra ammissjoni ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, liema ammissjoni giet minnu kkonfermata wara li l-Qorti a tenur ta' l-Artikolu 453(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni w ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;

Semghet it-trattazzjoni orali dwar il-piena da parte tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kaz;

## Ikkunsidrat:

L-imputat qed jigi akkuzat (a) talli nhar il-5 ta' Jannar 2015 ghall-habta tas-02:15 ta' filghodu gewwa l-lokalita' tal-Marsa bil-hsieb li jaghmel reat ta' serq minn gewwa residenza numru 56, sitwata gewwa Triq is-Salib tal-Marsa, Marsa, ghad-dannu ta' Matthew Azzopardi u/jew persuna jew persuni ohra, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta' bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' tieghu, u li kieku sehh kien ikun serq ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur, bil-lok u bil-hin  u dan bi ksur tal-Artikoli 41, 261(b)(c)(e)(f), 263, 267,269, 270, 280, 281, 282 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta; (b) talli fl-istess data, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg

haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' ghamel hsara fuq il-bieb ta' barra tar-residenza numru 56, sitwata gewwa Triq is-Salib tal-Marsa, Marsa, ghad-dannu ta' Matthew Azzopardi u/jew persuna jew persuni ohra, liema hsara ma tiskorrix il-mitejn u hamsin Euro (€250), u dan bi ksur tal-Artikolu 325(1)(c) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta; (c) talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kkommetta reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza imposta fuqu fl-1 ta' Settembru 2014 mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta (Magt. Dr. Audrey Demicoli LL.D), liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Prosekuzzjoni in oltre titlob li f'kaz ta' htija tqis lill-imputat bhala li sar recediv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li kien misjub hati ta' diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

L-imputat ammetta ghall-akkuzi kollha dedotti fil-konfront tieghu. Fid-dawl ta' tali ammissjoni l-Qorti ssib lill-istess imputat hati ta' l-akkuzi kollha hekk dedotti kontrih.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati imwettaq u ammessi mill-imputat, inkluz il-fatt li kkommetta reat waqt il-perijodu operattiv ta' sentenza sospiza, izda hadet ukoll in konsiderazzjoni il-fatt li l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proceduri.

Ghaldaqstant wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 41,49,50,261(b)(c)(e)(f),263, 267,269, 270, 280, 281, 282,289 u 325(1)(c) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li ttenni li qed issib lill-imputat hati ta' l-ewwel u t-tieni akkuzi dedotti kontra tieghu kif ukoll issibu hati li rrenda ruhu recidiv ai termini tal-Ligi, tikkundannah ghall-perjodu ta' tmien (8) xhur prigunerija effettiva.

Wara li rat u kkunsidrat l-Artikolu 28B (1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li ttenni li qed issib lill-imputat hati wkoll tat-tielet akkuza dedotta kontrat tieghu, tordna li s-sentenza sospiza a tenur tad-decizjoni ta' din il-Qorti diversament presjeduta fil-kaz fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Bashir Abdulahi Ahmed" pronuncjata fl-1 ta' Settembru 2014, tibda ssehh u ghalhekk jiskonta il-piena ta' sentejn (2) prigunerija hemm imposti.

Ai termini ta' l-Artikolu 534AD tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti staqsiet lill-imputat jekk iridx li jinghata kopja tas-sentenza f'lingwa li jifhem, ossia fil-lingwa Somala, izda l-imputat iddikjara li jirrinunzja ghal tali dritt peress illi huwa sodisfatt bit-traduzzjoni orali li nghatatlu tas-sentenza fil-hin li nqrat fil-Qorti bil-miftuh.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------